MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2015

Rikors Numru. 167/2014

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid**
**numru 226/2014 fl-ismijiet :**

**Anthony Charles John Cassar (ID 515187M)**
**u martu Antonia Cassar (ID 362371M)**

**vs**

**Carmen German (ID 682440M)**
**u zewgha Ronald German (ID 295935M)**
**u b'digriet tal-11 ta'Frar 2015, l-atti ta'**
**Ronald German gew trasfuzi f'isem Carmen German**
**u b'digriet tas-16 ta'Frar 2015**
**intervenew fil-kawza in statu et terminis**
**Kevin Caruana, Antonia Caruana u**
**Vincent u Catherine konjugi Camilleri**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Monsinjur Joseph Dalmas (ID 274125M) tas-17 ta'Frar 2013 li jaqra hekk:

1. *"Illi huwa hu Carmen German li tghix mieghu fil-fond Madonna ta'Pinu, Sqaq San Rafel, Qormi, liema fond huwa mikri minghand terzi u li ghalih huwa jhallas il-kera. Illi apparti minn hekk huwa ilu jghix mal-konjugi German ghal dawn l-ahhar tmientax -il sena wara li kien involut f' incident awtomobilistiku u ma seghax jiehu hsieb iktar lilu nnifsu.*

2. *Illi qabel huwa beda jghix flimkien mal-konjugi German f'dan il-fond huwa kien jghix f'residenzi ohra ma l-istess konjugi u ilu hekk jghix maghhom ghal dawn l-ahhar 18-il sena. Illi l-ahhar post li l-esponenti ghex wahdu kien f'dar li huwa kellu gewwa San Pawl il-Bahar.*

3. *Illi sussegwentement, huwa mar jghix Rabat flimkien mal-konjugi German, u l-oggetti kollha li kellu fid-dar tieghu f'San Pawl il-Bahar hadhom mieghu fid- dar tar-residenza tal-konjugi German, u baqa' hekk jiehu l-oggetti kollha li huwa kellu mieghu f'kull residenza gdida li hu mar jghix fiha flimkien mal-konjugi German.*

4. *Illi l-Marixxalli wara digrieti ta' din il-Qorti, qabbdu l-oggetti kollha tal-konjugi German mid-dar f'Hal-Qormi u fosthom oggetti tar-rikorrenti Dalmas.*

5. *Illi nhar il-Hamis 13 ta' Frar 2014, wara digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Frar 2014, biex jinqabdu l-oggetti mill-indirizz moghti, l-Marixxalli ezegwew dan l- istess digriet u nqabbdu diversi oggetti kif jirrizulta mill-istess Mandat kif diga inghad oggetti tar-rikorrenti Dalmas.*

6. *Illi l-oggetti proprjeta ta' l-esponenti li inqabdu mill-Marixxalli huma dawk li qeghdin jigu mmarkati bl-isfar fil-kopja ta' l-inventarju maghmul mill-Marixalli stess li qieghed jigi hawn anness u mmarkat Dokument A*

7. *Illi uhud mill-imsemmija ogetti jdhru fir-ritratti hawn annessi u markati Dok B sa Dok E, liema ritratti ittiehdu snin ilu fir-residenza li kellu l-esponenti qabel kien kostrett jghix ma ohtu minhabba l-incident li huwa kellu.*

8. *Illi dawn l-oggetti huma ta' l-esponenti u mhux tal-intimati konjugi German u ghalhekk ma jistghux jigu maqbuda u mehudha fil-pussess tal-konsenjatarju u iktar u iktar mibjugha stante illi jappartjenu lilu u lil hadd iktar.*

9. *Illi huwa qed jghix m'ohtu ghax ghandu bzonn l-ghajnuna taghha u mhux korrett illi l-oggetti tieghu jigu mehuda u mibjugha meta huwa m'ghandu l-ebda dejn mar-rikorrenti Anthony Charles Jason Cassar et.*

10. *Illi huwa ghandu jinghata l-opportunita' illi qabel din l-Onorabbli Qorti tordna l-bejgh in subbasta ta' l-oggetti maqbuda mid-dar ta' Carmen German et illi huwa jkun jista' jintavola rikors guramentat biex huwa jipprova li uhud mill- oggetti maqbuda bil-mandat ta' qbid numru 226/14 u bl-elevazzjoni li saret fit-13 ta' Frar 2014 wara digriet ta' din il-Qorti mhumiex proprjeta' tal-konjugi German imma proprjeta' tieghu.*

11. *Illi in oltre ai termini tar-rikors ghall-hrug tal-Mandat ta' Qbid odjern il- Marixalli ghandhom ukoll jeskutu l-inkarigu lilhom moghti fil-fond Bella Vista, Flat 1, Triq is-Srug ,Ghawdex. lIli l-esponenti jirrileva ukoll illi l-oggetti kollha misjuba fil-fond in kwistjoni kienu tieghu qabel dan taghhom b'donazzjoni lin-neputija tieghu Silvana Vella u lir-ragel taghha Martin salv illi zamm ferm id- dritt ta' uzufrutt fuq l-imsemmija mobbli vita durante u dan kif johrog car mill- kuntratt ta' donazzjoni u uzufrutt tat-3 ta'Jannar 2007 fl-Atti tan-Nutar Dr. Ronald John Wadge li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u ghalhekk l- ezekuzzjoni tal-mandat tal-qbid f'dan l-imsemmi fond gewwa Ghawdex tohloq pregudizzju lill-esponenti gia la darba ser jinqabdu oggetti ta' l-imsemmija Silvana u Martin konjugi Vella li taghhom l-esponenti huwa uzufruttwarju, u dan oltre l-fatt illi minhabba l-imsemmi qbid l-esponenti jkun qieghed jesponi ruhu ghall-proceduri gudizzjarji da parti ta' l-imsemmija konjugi Vella minhabba li ma jkunx qeda d-dmirijiet uzufruttwarji tieghu.*

12. *Illi in oltre', ghandu jinghad illi l-Artikolu 253 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem fuq sentenzi u digrieti tal-Qorti u ghalhekk m'hemm t-ebda sentenzi kontra r-rikorrenti u ghalhekk ma jistghux jaqbdu l-oggetti tar-rikorrenti u ghalhekk ma jistghux unilateralment u minghajr process gudizzjarju jiddeterminaw wahedhom jekk l-oggetti maqbuda huma ta' Carmen German et meta huwa ilu jghix maghha ghal dawn l-ahhar tmientax -il sena u ha mieghu l-oggetti kollha li kellu fir-residenza tieghu, izda lanqas ukoll m'ghandhom dritt Anthony Charles Jason Cassar et jippretendu li jistabbilixxu wahedhom x'inhuma l-oggetti proprjeta' ta' Carmen*

*German u dak li huwa proprjeta' ta' Mons. Joseph Dalmas u dan qabel ma' dan jigi stabbilit mill- Onorabbli Qorti kompetenti.*

13. *Illi huwa ovju illi in vista tal-premess, ir-rikorrent ma setghax jipprocedi b'din il-procedura, ghall-bejgh in subbasta tal-proprjeta' ta' Mons.Joseph Dalmas minghajr ma l-istess Mons Dalmas ikollu opportunita' biex jipprova li l-oggetti maqbuda u elevati f' idejn il-konsenjatarju huma proprjeta' tieghu u mhux tal-konjugi German.*

*Ghaldaqstant l-esponenti qieghed jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsijasi dikjarazzjoni li jidrilha xierqa u opportuna tordna illi;*

1. *Jigi revokat in parte il-Mandat ta' Qbid numru 226/14 ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu ghall-oggetti mmarkati bl-isfar fid-Dokument A hawn anness kif ukoll in kwanti ghall-ogetti kollha misjuba fil-fond Bella Vista, Flat 1, Triq is-Srug, Xaghra Ghawdex, u dan stante illi l- imsemmija oggetti m'humiex proprjeta tad-debituri, ossija l-konjgi German, imma huma proprjeta tieghu u/jew in kwantu ghall-ogetti misjuba fil-fond f'Ghawdex, huma proprjeta ta' Silvana u Martin konjugi Vella u li taghhom huwa uzufruttwarju.*

2. *Fin-Nuqqas u/jew alternattivament tordna illi tigi sospiza s-subbasta ai termini tad-Digriet tal-11 ta' Frar 2014 u dan sabiex l-esponenti jinghata l-opportunita illi permezz ta' rikors guramentat intavolat kontra l-konjugi German u l-konjugi Cassar, jigi stabillit u jkun hemm dikjarazzjoni mill-Qorti illi l-oggetti in kwistjoni huma proprjeta ta' l-esponenti u mhux proprjeta tal-konjugi German."*

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Frar 2014 illi bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tal-Hamis 6 ta' Marzu 2014 fid-9:30am.

Rat illi l-atti tar-rikors , digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-kontro parti;

Rat ir-risposta ta' Anthony Charles Jason Cassar u martu Antonia Cassar tas-6 ta' Marzu 2014 (a fol. 27 et seq.) li taqra hekk:

*"Illi in ottemperanza mad-Digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-20 ta' Frar 2014, wara r-rikors intavolat mill-Monsinjur Joseph Dalmas nhar is-17 ta' Frar 2014, l-esponenti qieghdin jissottmettu s-segwenti:*

1. *Illi qabel xejn jigi innutat illi l-asserzjonijiet maghmula mill-Monsinjur Dalmas fir-rikors tieghu m'huma bl-ebda mod ikkonfermati bil-gurament tieghu u ghalhekk l-esponenti jesigu illi l-istess Monsijur Dalmas jikkonferma l-allegazzjonijiet tieghu bil-gurament quddiem din l-Onorabbli Qorti;*

2. *Illi dwar l-ewwel talba tal-Monsijur Dalmas, l-esponenti jissottomettu s- segwenti:*

(i) *Qabel xejn jinnota illi l-indirizz tal-fond gewwa Ghawdex li fih intalab l-ezekuzzjoni tal-Mandat de quo u dak imsemmi fil-kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Roland John Wadge tat-3 ta' Jannar 2007 (Dok F) m'humiex l-istess u dan stante illi l-appartament li fih qed jintalab l-ezekuzzjoni tal-mandat huwa mmarkat bhala Appartament Numru 1 filwaqt illi dak imsemmi fil- kuntratt de quo huwa indikat bhala Appartament Numru 6;*

(ii) *Minghajr pregudizzju ghas-suespost, kif jirrizulta mill-istess kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Roland John Wadge tat-3 ta' Jannar 2007 (Dok F) id-debituri Carmen u Ronald German inghataw l-uzufrutt tal-fond indikat fl-imsemmi kuntratt. B'hekk jirrizulta illi d-debituri ghandhom it-tgawdija tal-fond imsemmi;*

(iii) *Illi r-residenza tad-debitrici Carmen German indikata fuq il-karta ta' l-identita taghha hija "Bella Vista, Flat 1, Triq is-Srug, Ghawdex", ossia il-fond li fih qieghed jintalab l-ezekuzzjoni tal- mandat odjern;*

(iv) *Illi ghalhekk gjalarba jezisti relazzjoni diretta bejn id-debituri u il-fond li qed jintalab fih l-ezekuzzjoni tal-Mandat de Quo, u konsekwentement ma jistax jigi eskluz il-probabilita illi huma ghandhom oggetti proprjeta taghhom fl-istess fond, minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe dritt ta' terz illi jattakka l-ezekuzzjoni tal-Mandat fil-konfront ta' oggetti li jistghu talvolta jigu maqbuda li m'humiex proprjeta tad-debituri, ma tezisti l-ebda raguni valida skond il-Ligi sabiex titwaqqaf l-ezekuzzjoni*

*ta!-Mandat ta' Qbid fil-fond gewwa Ghawdex, li tieghu, kif gja inghad, id-debituri huma uzufruttwarji;*

(v) *Ghaldaqstant l-ewwel talba tar-rikorrent Monsinjur Dalmas ghandha tigi michuda*

3. *Illi dwar it-tieni talba tal-Monsinjur Dalmas, jigi osservat illi ma ngabet l- ebda prova konkreta illi b'xi mod tissustanzja l-allegazzjoni ta' proprjeta tal-istess Monsinjur. Zgur illi r-ritratti ezebiti ma jistghu bl-ebda mod jikkostitwixxu prova ta' proprjeta. llli irid jinghad illi kif jirrizulta mill- inventarju maghmul mill-Marixxal ezekutanti (Dok A) ma hemm l-ebda nota u/jew indikazzjoni mill-istess Marixxal, kif ikun solitu fdawn it-tip ta' kazi, illi a tempo vergine gie mistqarr lill-istess Marixxal illi l-mobbli de quo ma humiex proprjeta tad-debituri. Ghalhekk l-esponenti jissottomettu illi dan ir-rikors huwa biss tentattiv da parti tad-debituri sabiex itawlu u jxekklu l-proceduri tas-subbasta intizi sabiex l-esponenti jibdew jithallsu lura il-flus illi bl-akbar ingann u b'mod frawdolenti id-debituri irnexxielhom jissellfu mill-esponenti. Konsegwentment, it-tieni talba tar-rikorrent Monsinjur Dalmas ghandha wkoll tigi michuda.*

4. *Illi huwa ghajb li l-Monsinjur Dalmas qed jintuza, jew ghar minnhekk jippresta ruhu ghal manuvri ta' ohtu sabiex jigi evitat il-hlas ta' djun taghha li jirrizulta li ghamlet karriera milli tqarraq b'nies ingenwi billi tuza l-bzonnijiet tal-Monsinjur bhala l-iskuza ghalfejn tissellef il-flus li fil-fatt tuza ghal skopijiet ohra, u imbaghad tuza lill-istess Monsinjur (evidentement mir-rikors in disamina, bil-komplicita' tieghu) biex tittanta li tevita l-hlas.*

5. *Fi kwalunkwe kaz l-esponenti m'ghandhom isoffru l-ebda spejjez."*

Rat il-verbal tas-6 ta' Marzu 2014 li permezz tieghu l-partijiet qabblu li t-termini legali ghandhom jigu estizi minhabba possibilita' ta' hlas;

Rat id-digriet tas-7 ta'Mejju 2014 (a fol. 51 et seq.) fejn gie nominat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri sabiex jisma lill-Monsinjur Dalmas;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

It-talba odjerna tikkoncerna talba ghar-revoka in parte tal-Mandat ta' Qbid 226/ 2014 ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 stante li allegatament, l-oggetti mmarkati bil-kulur isfar f'Dok. A anness m'humiex proprjeta tad-debituri konjugi German izda proprjeta' tar-rikorrenti Monsinjur Joseph Dalmas; u / jew fin-nuqqas jew alternattivament s-sospenzjoni tas-subbasta sabiex ir-rikorrenti Dalmas jinghata opportunita' jipprezenta proceduri rilevanti sabiex jikseb dikjarazzjoni mill-Qorti li l-oggetti in kwistjoni kienu proprjeta' tieghu.

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi prodotti, vide xhieda fol 59A sa 59I, jirrizulta illi l-oggetti ndikati f'Dok. A ghalkemm jirrizulta li fiz-zmien  kienu tieghu, Monsijur Dalmas afferma fix-xhieda tieghu, li l-istess oggetti gew minnu moghtija lill-ohtu Carmen German:
*"Nibda mill-bidu, x'kienu l-oggetti li jiena irrinunzjajt ghalihom - tajthom lill-ohti jigifieri"* fol. 59B.

Monsinjur Dalmas xhed li dawn kienu oggetti prezzjuzi bhal arlogg tat-tarag, *grand father's clock*, oggetti tal-fidda inkluz pozati tal-fidda, sett tat-te', *astrays* tal-fidda,  pitturi, skrivanija, senduq, oggetti tal-kristall u *dinner set*.

A fol. 59I u in kontro-ezami Monsinjur Dalmas xhed is-segwenti:

> ***Dr.Karl Briffa : Inti fil-bidu ghidtilna li kellek diversi oggetti nassumi including dawk kollha li ghadek kemm semmejt u li dawn ghaddejthom lil ohtok. Naqblu? Kollha ghaddejthom lil ohtok.***
>
> ***Xhud: Ehe***
>
> ***Dr. Karl Briffa: Ghal liema raguni tajthomlha?***

> ***Xhud: Ohti kienet gharusa dak iz-zmien voldieri. Tajthomlha bhala rigal;.***
>
> ***Dr. Karl Briffa: Bhala rigal. Jigifieri int dawk l-oggetti kollha inti ghaddejthomlha bhala rigal ghax kienet tiehu hsiebek etc etc . Naqblu?***
>
> ***Xhud: Iva, iva Dazgur***
>
> ***Dr. Karl Briffa: Sewwa Xejn aktar.*** (A fol. 59I)

Ir-rikorrenti Dalmas apparantement intavola l-proceduri odjerni ai tenur tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 :

Fil-meritu, Mandat Ezekuttiv bhal dak odjern, jista' jigi impunjat ai termini tal-**Artikolu 281(1) tal-Kap.12**, li jaqra testwalment hekk:

> ***"Minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, <u>ghal raguni valida skont il-ligi</u>."***(Enfasi ta' din il-Qorti)

Ir-rikorrenti Dalmas fix-xhieda moghtija quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Michael Camilleri afferma b'aktar mod car li l-oggetti kollha li kien jipposjedi, mobbli jew immobbli gew mghotija lil Carmen German. Illi ghaldaqstant dikjarazzjoni iktar inekwivoka minn din , il-Qorti ma tgharafx illi wiehed jista' jistenna, u ghaldaqstant ma tgharax xi htiega, anka b'xi mod remot li r-rikorrenti Dalmas jinghata xi terminu sabiex jottieni pronunzjament gudizzjarju ghar-rigward t'identifikazzjoni tas-sid jew proprjetarju ta' dawn l-oggetti.

Illi di piu’ Monsinjur Dalmas kellu sa minn 13 ta’ Frar 2014, sabiex jintavola l-proceduri kollha li kien jidirlu xierqa. Huwa palezi li dan ma sarx - Vide domandi tal-Qorti waqt it-trattazzjoni dattelografata tas-16 t’April 2015. Il-Qorti tqis li ma kien hemm xejn xi jzomm lil Monsinjur Dalmas milli jaghmel dan, kemm-il darba din kienet ir-rieda vera tieghu.

Di piu ghal dak illi jirrigwarda d-donazzjoni maghmula fit-3 ta’ Jannar 2007 – Dok.F , jirrizulta b’mod car illi l-fond indikat f’din id-donazzjoni huwa l-*istudio flat* numru sitta fl-istess blokk t’appartamenti, li fih tirrisjedi Carmen German li pero tghix f’appartament numru wiehed flimkien mal-Monsinjur Dalmas.

Il-kontenut tal-*flat* numru sitta huma wkoll soggett ta’ din id-donazzjoni b’uzufrutt ritenut f’idejn Monsinjur Dalmas.

Illi di piu’ din il-Qorti temmen li dawn il-proceduri qed jigu instigati minn Carmen German u mhux minn Monsinjur Dalmas, bhala strategija biex jigu stultifikati l-proceduri tas-subbasta.

Dan certament ma huwiex raguni valida skond il-ligi, sabiex jigi revokat Mandat ta’ Qbid esekuttiv.

Infatti fis-sentenza fl-ismijiet **Edward Pace vs Michael Sultana**, deciza fil-**5 ta' Mejju 2005** per **Onor. Imh. Joseph R. Micallef**:

> ***"llli l-ligi ma tghidx x'tista' tkun "raguni valida skont il-ligi", li nsibu fl-imsemmi artikolu. Madankollu, in generali, jista' jinghad li mandat jista' biss jigi attakkat kemm-il darba ikun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma***”(Enfasi ta’ din il-Qorti)

Vide ukoll **Joseph Spiteri vs Anthony Perry et** digriet interolukotrju deciz fl- **14 ta’ Novembru 1994**. U sentenza fl-ismijiet **HSBC Bank Malta P.l.c. (C- 3177) vs Doris Conchin** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili mill-**Onor. lmhallef Joseph R.Micallef** fit-**28 ta' Lulju, 2011** u ikkonfermata fl-appell:

> ***"l-Ghan li ghaliha ddahlet il-procedura taht l-artikolu 281 fil-Kodici tal-Procedura huwa marbut ma xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu li, bis-sahha tiehu, l-parti ezekutata tbaghti pregudizzju. Ghalhekk ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnifsu, li bis-sahha tieghu l-istess att ezekuttiv ikun inhareg. Kemm hu hekk, l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 281 jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrent jinghata bla hsara ghal kull jedd iehor taht l-istess Kodici jew xi ligi ohra";***(Enfasi ta' din il-Qorti)

Min mbaghad jrid jattakka l-esekuzzjoni ta' Mandat jrid jipprocedi skond l-Artikolu 156 tal-Kapitolu 12. Illi skond l-insenjament moghti fis-sentenza **Baystreet Holdings Limited (C-120858) vs Walter Zammit Cachia et** deciza fis-**7 t'April 2009** mill-**Onor. Imhallef Joseph R. Micallef** :

> ***"Illi l-prattika stabbilita, mbaghad, hi li min irid jattakka l-ezekuzzjoni ta' Mandat, irid jaghmel dan billi jmexxi bil-procedura normali mahsuba fil-ligi. Illum, il-gurnata din il-procedura hija azzjoni li tinbeda b'Rikors Mahluf. Hawn ukoll, ir-rikors imressaq f'din il-kawza, mhux biss m'huwiex wiehed mahluf, imma jonqos f'partijiet essenzjali tieghu mill-forma stabbilita fl-artikolu 156 tal-Kodici tal- Procedura."***

Vide wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Anthony sive Antoine Vassallo et vs HSBC Bank Malta plc** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili mill- **Onor. Imhallef Mark Chetcuti** nhar l-**4 ta' Ottubru, 2011.**

Ir-rikorrenti Dalmas ma indika ebda irregolarita' procedurali, kif mahsub fil-ligi, u fil-gurisprudenza fuq citata.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-intimati konjugi Cassar  u tichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moqrija**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------